MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 344/2003

**Joseph Schembri & Co Ltd, Anthony Cassar, Raymond Giordmania u Victor Vassallo**
**vs**
**Onorevoli Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd; Direttur ta' l-Agrikoltura; Direttur Generali ta' l-Ikel u Attivita' Veterinarja; Kooperattiva ta' min irabbi l-majjal Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Premess illi l-atturi, sa minn snin twal ilu, kkwalifikaw biex ikollhom licenzji rispettivi ghat-tizwim ta' rziezet tal-majjali, u ghat-tizwim, trobbija u simna tal-majjali, u ghadhom izommu tali licenzji sal-lum.

Premess illi l-atturi, sa minn snin twal ilu, kkwalifikaw biex ikollhom kwota tal-qatla tal-majjal, u ghad ghandhom kwota tal-qatla sal-lum.

Premess illi bejn l-1991 u l-1992 il-Ministeru ta' l-Agrikolutura u Said nieda skema ghat-twaqqif ta' Nucleus Units ghall-'Pure Line' tal-majjaliet u fhula, qazquziet u Terminal Sires, u ghall-produzzjoni ta' Replacement Gilt (Multiplier Units); u dan sabiex tigi razzjonalizzata l-industrija tal-majjal f'Malta.

Premess illi l-Ministeru hawn fuq imsemmi hareg applikazzjonijiet ghal dawk il-produtturi li kienu lesti iwaqqfu dawn il-units, u minn fost l-applikanti intaghazlu l-atturi minn Bord ta' l-Ghazla.

Premess illi l-Koperattiva Ta' Min Irabbi l-Majjal Ltd dahlet f'kuntratti privati ma' l-atturi separatament sabiex tirregola t-tmexxija ta' l-irziezet rispettivi taghhom: il-kuntratt ta' Joseph Schembri & Co Ltd igib id-data 12 t'Ottubru 1993, il-kuntratt ta' Anthonu Cassar igib id-data 12 ta' Lulju 1993, il-kuntratt ta' Raymond Giordimaina jgib id-data 12 ta' Lulju 1993, u dak ta' Victor Vassallo jgib id-data 9 ta' Frar 1994.

Premess illi l-Koperattiva Ta' min Irabbi l-Majjal Ltd issostni li mat-terminazzjoni tal-kuntratti hawn fuq imsemmija l-atturi ma jkollhomx aktar dritt joperaw l-irziezet taghhom, u cioe' ta' Joseph Schembri & Co Ltd, Antonu Cassar u Raymond Giordimaina kollha bhala *multiplier units C*, u ta' Victor Vassallo bhala *terminal sire unit B*, stante li din hi prerogattiva taghha.

Jghidu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjal Limited m'ghandha ebda setgha legali tiddetermina u tiddeciedi dwar min legalment jista' jopera *terminal sire unit (B) u/jew multiplier units (C)*;

2. Tiddikjara li l-Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjal Limited m'ghandha ebda setgha legali tiddetermina jew tiddeciedi materji relatati mal-licenzji relattivi;

3. Tiddikjara li l-Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjal Limited m'ghandha ebda setgha legali tiddetermina jew tiddeciedi materji relatati mal-kwota tal-qatla;

4. Tiddikjara li kwalunkwe kuntratt jew ftehim milhuq bejn l-imsemmija Koperattiva u l-atturi li bih hija tezercita wahda jew aktar minn dawk is-setghat huwa null u bla effett, ta' l-inqas in kwantu tkun giet ezercitata dk is-setgha indebitament;

5. Tiddikjara li l-gheluq tat-termini indikati fil-kuntratti rispettivi hawn fuq imsemmija tat-12 ta' Lulju 1993, tat 12 t'Ottubru 1993 u tad-9 ta' Frar 1994 ma ghandu ebda effett legali la fuq il-licenzji rispettivi ta' l-atturi ghat-tizmim ta' rziezet tal-majjali, la fuq il-licenzji rispettivi ta' l-atturi ghat-tizmim, trobbija u simna tal-majjali, u l-anqas fuq il-kwota tal-qatla li ghandhom l-atturi prezentement.

6. Tiddikjara l ma hemm ebda raguni valida ghaliex issa jew ma' l-eghluq ta' l-imsemmija kuntratti ghandhom jigu revokati jew m'ghandhomx jibqghu jigu mgedda l-licenzji rispettiva ta' l-atturi ghat-tizmim ta' rziezet tal-majjali.

7. Tiddikjara li ma hemm ebda raguni valida ghalxiex issa jew ma' l-eghluq ta' l-imsemmija kuntratti ghandhom jigu revokati jew m'ghandhomx jibqghu jigu mgedda l-licenzji rispettivi ta' l-atturi ghat-tizmim, trobbija u simana tal-majjali,

8. Tiddikjara li ma hemm ebda raguni valida ghalxiex issa jew ma' l-eghluq ta' l-imsemmija kuntratti l-atturi m'ghandhomx jibqghu joperaw il-multiplier units u t-terminal sire unit rispettivi li qed joperaw fil-prezent.

9. Tiddikjara li ma hemm ebda raguni valida ghalxiex issa jew ma' l-eghluq ta' l-imsemmija kuntratti rispetivi ta' l-atturi, il-kwota rispettiva allokata lill-atturi prezentement ghandha tigi rtirata u/jew mibdula.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 20 ta’ Novembru 2002, ta’ l-ittri ufficjali tas- 17 ta’ Jannar 2003 u tat-28 ta’ Frar 2003, kontra l-konvenuti jew min minnhom, li minn issa huma kollha ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Koperattiva ta’ min irabbi l-Majjali Limited li biha eccepew:
1. Illi preliminarjament din il-Qorti m’ghandhiex giurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni ta’ dina l-kawza peress illi kif ghandu jirrizulta mill-kuntratti relattivi menzjonati fl-att tac-citazzjoni, kull vertenza bejn il-partijiet ghandha tigi rizoluta permezz ta’ arbitragg.
**2.** Illi minnghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi kien messhom l-ewwel esebew l-erba kuntratti li fuqhom ibbazaw din al-istanza u cioe’ il-kuntratt tas-socjeta’ Joseph Schembri & Co. Ltd tat-12 t’Ottubru, 1993, il-kuntratt ta’ Anthony Cassar tat-12 ta’ Lulju, 1993, il-kuntratt ta’ Raymond Giordmaina tat-12 ta’ Lulju, 1993 u dak ta’ Vitor Vassallo tad-9 ta’ Frar, 1994;
**3.** Illi bla pregudizzju ghall-premessi eccezzjonijiet, dina l-azzjoni hija ukoll intempestiva peress illi l-imsemmija kuntratti, kif jidher mit-talbiet attrici, ghadhom vigenti filwaqt illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq eventwalita’ future li la hija certa u lanqas legalment vinkolanti bejn il-partijiet u ghalhekk l-eccipjent ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
**4.** Illi fil-mertu u minnghajr pregudizzju ghall-imsemmija eccezzjonijiet it-talbiet attrici ma humiex legalment sostenibbli peress illi s-socjeta’ eccipjenti dejjem onorat u segwiet fedelment l-obbligazjonijet kontrattwali kif ukoll il-ftehim raggiunt mal-konvnuti l-ohra u r-regoli u l-ligijiet vigenti in materja.
**5.** Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra li biha eccepew:

1. Preliminarjament huma mhumiex il-legittimi kontradditturi stante li c-citazzjoni promotarja mhijiex

indirizzata kontra taghhom izda kontra l- Kooperattiva Ta' Min Irabbi l-Majjal Ltd. li skond kif allegat mill-atturi qed tghid li d-dritt ta' l-atturi biex joperaw l-irziezet taghhom ser jieqaf mat-terminazzjoni tal-kuntratti taghhom ghat-tmexxija ta' dawn l-istess irziezet, ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Subordinatament ic-citazzjoni bl-ismijiet fuq premessi hija nulla u bla effet fil-konfront ta' l-eccipjenti stante li apparti mill-fatt illi t-talbiet mhumiex diretti fil-konfront taghhom ma hemm xejn indikat b'mod car x'qed jintalab minnhom.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pretensjonijiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-tigdid o meno tal-kuntratti taghom u l-ghoti o meno tal-kwoti ghat-tizmim, trobbija u simna tal-majjali jaqghu esklussivament fil-mansjoni ta' l-amministrazzjoni.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri **.**

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-Kooperattiva konvenuta;
Rat in-noti tal-osservazzjonijiet in propositu;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok il-Kooperattiva konvenuta eccepiet ghat-talba attrici l-karenza ta' gurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni tal-kawza odjerna stante li skond il-kuntratti indikati fic-citazzjoni[1], "kull vertenza bejn il-partijiet ghandha tigi rizolta permezz ta'arbitragg".

Illi dawn il-kuntratti jikkontjenu klawsola, intestata "Interpretazzjoni", fis-sens li "kwalsiasi nuqqas ta' qbil dwar <u>l-interpretazzjoni ta' klawsola</u> jew klawsoli ta' dana l-kuntratt ghandha tigi riferuta lill-arbitru indipendenti li

[1] Doki.K1 sa K4 – Fols.35 *et seq.* – Sottolinear ta' din il-Qorti

ghandu jinterpreta dak minnu mitlub u l-partijiet jaqblu li tali interpretazzjoni ghandha torbothom u tkun finali".

Illi skond il-Kooperattiva din il-klawsola teskludi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fil-kawza odjerna, stante li "hemm nuqqas ta' qbil dwar il-klawsola tat-terminazzjoni u l-klawsoli relatati u di piu' jirrikorru l-elementi kollha sabiex il-kwistjoni tigi riferuta lill-arbitu." Hija ssostni li l-iskop tal-imsemmija klawsola kien sabiex "f' kaz ta' vertenza, tkun xi tkun, li tqum bejn il-partijiet" tigi rimessa lill-arbitru u deciza minnu.[2]

Illi minn ezami tal-att tac-citazzjoni u tal-kuntratti relattivi ghandha tirrizulta manifesta l-infondatezza ta' din it-tezi, fl-ewwel lok ghax il-kaz odjern ma jitrattax il-kwistjoni tat-terminazzjoni tal-kuntratti, u fit-tieni lok ghax il-vertenza in disamina hija kjarament mhux wahda ta' interpretazzjoni. Dan gie rilevat wkoll mill-atturi fin-nota taghhom u l-Qorti tikkondividi dawn il-konsiderazzjonijiet.

Illi ezami tat-talbiet attrici jrui li, ghalkemm il-kwistjoni inqalet minhabba t-terminazzjoni fil-futur qrib tal-kuntratti relattivi dak li qed jitlobu l-atturi ma jikkoncernax it-terminazzjoni *ut sic* imma jirrigwarda principalment s-setgha legali tal-Kooperattiva f' ghajnejn il-ligi generali u d-d-drittijiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenuti l-ohra, anke wara l-eghluq tal-kuntratti. Ghalhekk kif issottomettew l-atturi l-fattur tat-terminazzjoni f' din il-kawza huwa biss wiehed periferali u incidentali.

Illi inoltre jirrizulta car daqs il-kristall li dak li ghandu jigi rimess lill-arbitru, skond il-kuntratti, mhijex kull vertenza "tkun xi tkun"[3] jew kwalsiasi nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, imma vertenza kwalifikata u cioe' li tinvolvi esercizju ta' interpretazzjoni ta' xi klawsola tal-kuntratt u limitata ghal daqshekk biss. Fi kliem iehor l-kompitu tal-arbitru hu li jinterpeta l-klawsoli tal-kuntratt f' kaz ta' dizgwid bejn il-partijiet, u xejn aktar. Dan jirrizulta kemm mid-dictura tal-klawsola relattiva kif ukoll mill-intestatura taghha.

---

[2] Sottolinear tal-Qorti
[3] Nota konvenuta fol.51

Illi in fine rigward s-sottomissjoni tal-konvenuta li "di piu[4] jirrikorru l-elementi kollha sabiex il-kwistjoni tigi riferuta lill-arbitu" jigi osservat li, in mankanza ta' indikazzjoni da parti tal-konvenuta ta' dawn l-elementi, il-Qorti ma hijex f' pozizzjoni li tikkummenta in propositu, gialarba l-unici elementi li jiridu jikkonkorru biex jattivaw l-klawsola de quo huma [1] nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, u [2] li dan in-nuqqas ta' qbil ikun "dwar l-interpretazzjoni" ta' klawsola tal-kuntratt.

Illi in vista tal-premess l-ewwel eccezzjoni tal-Kooperattiva konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi micuda.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar din l-eccezzjoni billi tirrespingiha, bl-ispejjez a kariku tal-istess konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Sottolinear tal-Qorti